MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Numru 588/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Johan Carter ta' 23 sena, imwieled Pieta nhazr il-21 ta' Marzu 1981, iben Emanuel u Carmen nee` Zahra, u li joqghod 118, Triq iz-Zewg Mini, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita` 167681 (M).**

**Illum 22 ta' Frar, 2006**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Johan Carter u cioe talli:

1) fil-31/05/04 ghall-habta tal-4.00pm, waqt li kien hgaddej bil-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-Nru tar-registrazzjoni FBO-062 fi Triq in-Naxxar gewwa Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hili fl-

arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Max Wayne Camilleri ID 547685(M) hekk kif iccertifika Dr. Kevin Zammit M.D. ta' l-Isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregu gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn.

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-akkuzat wiegeb li hum ma kienx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ben pruvat illi Max Camilleri kien qed jaqsam Naxxar Road minghand tal-pastizzi ghall-faccata, Falzon Petrol Station u safa mtajjar mill-akkuzat Carter u sofra griehi gravi per durata kif ben jirrizulta mic-certifikat mediku esebit.

Jibqa' biex jigi determinat ta' min kienet ir-responsabilita tal-griehi sofferti minn Camilleri.

Minn naha tieghu Johan Carter xehed li hu waqt li kien qed isuq gewwa B'Kara sejjer lejn l-Imsida, ra xhin qabez iz-zebra crossing b'hames metri lill-ferut Camilleri fi kliemu, rah jaghmel impatt gol karozza tieghu, rah idawwar rasu lura lejn il-hanut u jaghmel impatt mal-karozza tieghu.

Qal li hu ra lil Camilleri miexi fit-triq, rah ghal ftit sakemm gej jaghmel impatt mal-genb tal-karozza.

Xehed ukoll li meta rah gej gol-vettura minnu misjuqa, wicc il-pedone Camilleri kien qed ihares lura lejn il-hanut tal-pastizzi.

Ikkonferma in kontro ezami li ra lil Camilleri jaqsam, ftit sekondi qabel ma Camilleri dahal gol vettura tieghu. Bhala impatt gol vettura qal li Camilleri dahhallu l-gewwa l-mudguard tan-naha tal-passiggier kwazi mal-bieba.

Minn naha tieghu Camilleri xehed li hu qatt ma ra l-karozza li tajritu ghaliex kif qal fi kliemu stess kieku ma kienx jaqsam it-triq.  Qabel Camilleri li l-vizwali tat-triq fejn gara l-incident taghtik sal-Mithna.  Issib pero li hu darba li kien qed jaqsam ma kienx qed jiccajta ma tal-hanut fuq il-flus fis-sens li hu kien qed ihares lejn it-triq u mhux wiccu mdawwar lejn il-hanut.

Jason Ciantar xhud iehor tal-prosekuzzjoni xehed illi kien veru li l-ferut kien mar jixtri minn ghandu pero hu qatt ma rah jaqsam lura lejn Falzon Service Station ghax kien qed jaqdi persuna ohra.  Xehed Ciantar li hu sema brake u hareg u sab lil Camilleri mixhut ma l-art ftit aktar l-isfel. Insista Ciantar li hu ma kienx qed jara lil Camilleri jaqsam anzi nsista li Camilleri kien ghadu fuq il-bankina jixrob Coca l-ahhar li rah.

Ma ftakarx dan ix-xhud li Camilleri ccajta mieghu fuq il-flus.

Zewg punti ghandhom ukoll jissemmew minn din il-Qorti n ezami tal-incident li wasslu biex wegga fih b’mod gravi Max Wayne Camilleri:

Huwa veru li aktar il-fuq minn Falzon Service Station u l-Amicos Pastizzeria, liema zewg stabbilimenti jinsabu faccata ta’ xulxin, hemm zebra crossing.  Fil-fatt kif ben jirrizulta mix-xhieda kemm tas-sewwieq kif ukoll tal-ferut Camilleri, dana qasam bid-dritt mill-hanut lejn il-Petrol Station.

It-tieni punt li fuqu trid tikkkummenta din il-Qorti ghax fil-fehma taghha huwa wiehed li jimpingi direttamnet fuq l-ezitu ta’ din il-kawza huwa d-danni li sofriet il-vettura li laqtet lil Camilleri.

Harsa lejn ir-rapport tas-surgent esebit a fol. 15 insibu li kontrarjament ghal dak li xehed l-akkuzat Carter, barra mal-mudguard in-naha tal-passiggier, kellu hsara anke u senjalament fuq il-“left front windscreen” (a fol.16).

Ikkonsidrat.

Illi mix-xhieda jirrizulta car illi t-triq Naxxar road ghandha vizwali tajba kemm ghal kondecent kif ukoll ghal pedone.

Illi huwa anke pruvat u dan mix-xhieda ta’ l-istess akkuzat illi hu ra lil Camilleri qabel ma laqtu, insistenti li hu kien qed ihares lejn it-triq mhux lura lejn il-hanut tal-pastizzi, ma ra qatt il-karozza qabel ma laqtitu.

Isaqsi l-Qorti allura jekk is-sewwieq ra lil Camilleri sa jaqsam kif ma rnexxilhux jevitah tant li Carter jghid li hu ra lil Camilleri fi split second rah idawwar raus lejn tal-hanu u hu jghamel impatt il-karozza minnu misjuqa.

Jghid fuq mistoqsija tal-Qorti li x’hin rah Camilleri gie kien miexi fit-triq, pero jisisti li rah ghal ftit sekondi jghamel impatt mal-genb tal-vettura tieghu.

Jghid li fil-fatt rah jaqsam b’wiccu jhares lura, u mbaghad habat mal-vettura tieghu.

Tibqa’ ghalhekk perplessa l-Qorti, gialadarba Camilleri kien gia fit-triq jaqsam x’hin ra lil Carter, ghala Camilleri ma rnexxilux jevitah.  Ghax jekk il-pedone ghanu responsabilta kif juza t-triq, aktar u aktr hija tas-sewwieq ta’ vettura. Punt iehor gia sollevat mill-Qorti li Carter ghazel li ma jixhedx fuqu kien id-danni sofferti fil-vettura u cioe dawk rapportati fir-rapport tas-surgent u cioe dawk fil-left front windscreen, lib la ebda dubbju huma sinjal car u inekwovoku mhux li Camilleri dahal fil-vettura imma u

unikament safa mtajjar mill-vettura misjuqa minn Johan Carter u ta’ bil-haqq ne tali mpatt huma fil-fatt kompatibbli l-griehi sofferti minn Camilleri.

Ghaldaqstant qed issib lil Johan Carter hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu tqis lis-sewqan ta’ Carter kien wiehed bla kont u qeghda tikkundannah ghal multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tlett (3) xhur mill-lum u dan wara li rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------